31979R2968

29.12.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 336/25

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2968/79

ta' l-20 ta' Diċembru 1979

li jistabilixxi regoli dettaljati għall-provvediment ta' assistenza amministrattiva in konnessjoni ma' l-esportazzjoni ta' ġobnijiet rotob u maturi tal-ħalib tal-baqar eliġibbli għal trattament speċjali ma' l-importazzjoni f'pajjiż mhux membru

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2931/79 ta' l-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-għoti ta' assistenza fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali fuq l-importazzjoni f'pajjiż terz [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tiegħu,

Billi l-USA qablet fil-kuntest tal-GATT li tippermetti importazzjonijiet ta' ġobon artab u matur tal-ħalib tal-baqar liberu minn kwalunkwe restrizzjonijiet kwantitattivi; billi din il-miżura tapplika mill-1 ta' Jannar 1980;

Billi il-Komunità aċċettat li tagħti assistenza amministrattiva lill-awtoritajiet ta' l-USA sabiex tassigura applikazzjoni korretta tal-ftehim; billi għal dan l-iskop il-ġobnijiet ikkonċernati għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ma' l-esportazzjoni lejn l-USA, inkluż il-*Puerto Rico*, ta' ġobnijiet rotob maturi tal-ħalib tal-baqar, li jaqgħu taħt is-subintestatura 04.04 E tat-Tariffa Doganali Komuni, prodotti fil-Komunità u li jikkonformaw mad-definizzjoni stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, ċertifikat li jikkorrispondi mal-mudell stabbilit fl-Anness II għandu jinħareġ fuq it-talba tal-persuna kkonċernata.

Artikolu 2

1. Iċ-ċertifikati għandhom jiġu stampati fuq karta bajda u bl-Ingliż. Id-daqs tagħhom għandu jkun 210 × 297 mm. Kull ċertifikat għandu jingħata numru tas-serje mill-aġenzija tal-ħruġ.

L-Istat Membru esportatur jista' jeħtieġ li ċ-ċertifikat jintuża fit-territorju tiegħu għandu barra milli jiġi stampat bl-Ingliż jiġi stampat ukoll f'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu.

2. Iċ-ċertifikati għandhom isiru oriġinali waħda u ta' linqas żewġ kopji. Dawn il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tas-serje bħall-oriġinal. L-oriġinal u l-kopji għandhom jiġu kkompletati jew bit-tipa jew b'manuskritt; fil-każ ta' l-aħħar, għandhom jiġu kkompletati f'ittri kapitali u bil-linka.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat u l-kopji tiegħu għandhom jinħarġu mill-aġenzija nnominata minn kull Stat Membru.

2. L-aġenzija tal-ħruġ għandha żżomm kopja waħda taċ-ċertifikat. L-oriġinal u l-kopja l-oħra għandhom jiġu prodotti lill-uffiċċju doganali fejn jiġu kkompletati l-formalitajiet doganali ta' esportazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-USA.

3. L-uffiċċju doganali msemmi fil-paragrafu 2 għandu jimla l-kaxxa riservata għall-użu tiegħu fuq l-oriġinal u jirritornaha lill-persuna kkonċernata. Il-kopja għandha tinżamm minn dak l-uffiċċju doganali.

Artikolu 4

Iċ-ċertifikat għandu jkun validu biss wara li jiġi ffirmat mill-uffiċċju doganali kompetenti. Għandu jkopri l-kwantità indikata fuqu. Madankollu, kwantità li teċċedi b'mhux iktar minn 5 % l-kwantità ndikata fuq iċ-ċertifikat għandha titqies bħala koperta b'dik il-kwantità.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura li tista tkunu neċessarja għall-iskop ta' kontroll ta' l-oriġini, t-tip, il-kompożizzjoni u l-kwalità tal-ġobnijiet li fir-rigward tagħhom jinħarġu ċ-ċertifikati.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1980.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1979.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Il-Viċi-President

[1] ĠU L 334, tat-28.12.1979, p. 8.

ANNESS I

DEFINIZZJONI TA' ĠOBNIJIET ROTOB U MATURI TAL-ĦALIB TAL-BAQRA

1. Ġobon artab u matur huwa kkurat jew immaturat b'aġenti kuranti bijoloġiċi, bħal moffa, ħmira u organiżmi oħra li jkunu ffurmaw qoxra prominenti fil-wiċċ tal-ġobon. Il-kura u l-maturazzjoni jitmexxew b'mod li l-ġobon jikkura jew jimmatura viżibbilment mill-wiċċ lejn iċ-ċentru. Il-kontenut tax-xaħam fil-materja niexfa ma jkunx inqas minn 50 %. Il-kontenut niedi kkalkolat skond il-piż tal-materja bla xaħam ma jkunx inqas minn 65 %.

   It-terminu ġobon artab u matur ma jinkludix ġobnijiet bil-moffa, bil-ħmira u organiżmi oħra fil-wiċċ li jkun fihom ukoll il-moffa, huma blu jew xort' oħra,mqassma tul l-intern kollu tal-ġobon.

2. Il-lista li ġejja mhux komprensiva hija mogħtija għal skopijiet illustrattivi biss biex turi ċerti tipi ta' ġobnijiet li normalment jikkonformaw mad-definizzjoni mogħtija fil-paragrafu 1:

   — Bibress,

   — Brie,

   — Camembert,

   — Cambré,

   — Carré de l'Est,

   — Chaource,

   — Coulommiers,

   — Epoisse,

   — Herve,

   — Limbourg,

   — Livarot,

   — Maroilles,

   — Munster minn Franza u l-Ġermanja matul iż-żewġ naħat tar-*Rhine*,

   — Pont-l'Evêque,

   — Reblochon,

   — St Marcellin,

   — Taleggio.

   NB. Il-ġobnijiet elenkati hawn fuq għandhom jissodisfaw id-definizzjoni indikata sabiex jiġu kkunsidrati rotob u maturi.

ANNESS II

IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1. Esportatur	2. Nru taċ-ċertifikat	**ORIĠINALI**
3. Destinatarju	**ĊERTIFIKAT** **ta' identità u oriġini għall-esportazzjoni** **ta' ġobnijiet rotob u maturi tal-ħalib tal-baqra**	

NOTI

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jsir f'oriġinal wieħed u mill-inqas żewġ kopji.

B. Id-deskrizzjoni tal-ġobnijiet għandha tinkludi t-tip b'żieda għal kwalunkwe isem ta' ditta jew kummerċ.

C. L-oriġinal u kopja waħda għandhom jiġu prodotti għal ċertifikazzjoni lill-uffiċċju doganali li fih huma kkompletati formalitajiet doganali ta' esportazzjoni huma kkompletati.

D. L-oriġinal għandu jiġi prodott lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

	4. Marki, numri, n-numru u t-tip ta' pakketti; id-deskrizzjoni tal-merkanzija	5. Piż gross 7. Piż nett	6. Nri tal-fatturi
1.			
2.	4. . Marki, numri, n-numru u t-tip ta' pakketti; id-deskrizzjoni tal-merkanzija	5. Piż gross 7. Piż nett	6. Nri tal-fatturi

8. L-AWTORITÀ KOMPETENTI SOTTOSKRITTA b'dan tiċċertifika li l-ġobnijiet deskritti fuq:

— kienu prodotti fil-Komunità,

— huma ta' kwalità tajba u ġusta għat-tqegħid fis-suq, u

— jikkonformaw mad-definizzjoni li tidher fuq wara ta' din il-folja ..... (Post) ..... (Data)

9. . L-Awtorità tal-ħruġ

..... (Firma) (Timbru)

10. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI

Il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika, inkluża *Puerto Rico,* tal-ġobnijiet koperti b'dan iċ-ċertifikat ġew kompletati.

..... (Post) ..... (Data)

..... (Firma) (Timbru)

A PUHÁRA ÉRLELT, TEHÉNTEJBŐL KÉSZÜLT SAJTOK MEGHATÁROZÁSA

A puhára érlelt sajtot biológiai pácolással kezelik, vagy érlelik, pl. penészgombával, élesztővel vagy egyéb organizmusokkal, amelyek különálló réteget képeznek a sajt felületén. A pácolást, illetve érlelést úgy végzik, hogy a sajt a felületétől a belseje felé látható módon pácolódjon, illetve érlelődjön. A szárazanyag zsírtartalma nem lehet kevesebb 50 %-nál. A zsírmentes szárazanyag alapján kiszámított nedvességtartalma nem lehet kevesebb 65 %-nál.

Nem tartoznak a puhára érlelt sajt fogalmába az olyan sajtok, amelyek a felületükön lévő penészgombán, élesztőn, vagy egyéb organizmuson kívül a sajt egészén belül szétszórtan is tartalmaznak – akár kék, akár más jellegű – penészt.